MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 840/2009

Paul u Josanne konjugi Camilleri (ID 630860M u 524265M rispettivament)
Vs
Island Promotions Limited (C-33946) u Raymond sive Ray Galea (221858M) personalment

Il-Qorti;

Rat ir-rikors gurmantat tal-konjugi Camilleri, fejn gie premess:

1. Illi l-intimat Raymond sive Ray Galea huwa azzjonist u direttur f' diversi kumpaniji fosthom fis-socjeta' intimata Island Promotions Limited li hija primarjament involuta fin-negozju ta' importazzjoni (Dokumenti ezebiti bhala faxxikolu dok PJC 1).

2. Illi fl-2006 Raymond sive Ray Galea hajjar lir-rikorrenti sabiex jaghmlu negozju mieghu tant illi

ikkonvincihom jghaddulu somma ta’ flus bl-aspettattiva illi jidhlu fi shab mieghu.

3. Illi fil-fatt permezz ta’ skrittura privata tat-8 t’ Awissu, 2006 (Dok PJC 2) ir-rikorrenti ghaddew lill-intimat Raymond sive Ray Galea, in rapprezentanza ta’ Island Promotions Limited is-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf u tlett mitt lira Maltija (Lm 28,300), illum ekwivalenti ghal hamsa u sittin elf disa’ mija u wiehed u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€ 65,921.27) li kellhom jintuzaw mill-kumpanija intimata ghal xiri ta’ stock.

4. Illi l-intimat Raymond sive Ray Galea approprja ruhu abuzivament u indebitament minn din is-somma mghoddija lilu mir-rikorrenti tant illi, minkejja li l-intimati ripetutament talbuh rendikont dwar kif intuzat jew kienet qed tintuza s-somma msemmija, u dan sa minn ftit gimghat biss wara li ghaddewlu l-flus, huwa baqa’ konsistentement jirrifjuta illi jaghtihom l-informazzjoni mitluba.

5. Illi permezz ta’ ittra legali tal-4 ta’ Gunju, 2008 (Dok PJC) ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex jirritornawlhom is-somma ta’ € 65,921.27 bl-ispejjez u l-imghaxijiet ikkalkulati mit-8 t’ Awissu 2006, izda anke din l-ittra baqghet minghajr risposta. Baqghet minghajr risposta wkoll ittra tat-12 ta’ Settembru, 2008 (Dok PJC 4).

6. Illi sussegwentement ir-rikorrent Paul Camilleri rnexxielu jaghmel kuntatt telefoniku ma’ Raymond sive Ray Galea illi verbalment talbu “izjed zmien” u wieghdu illi se jhallas lura lir-rikorrenti l-ammont mghoddi lilu. Minkejja li ghaddew xhur shah pero’ l-intimati baqghu u ghadhom sallum inadempjenti.

7. Illi l-intimati ghadhom sallum inadempjenti u ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.

Fuq dawn il-premessi ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom approprjaw ruhhom abuzivament u indebitament mis-

somma ta' hamsa u sittin elf disa' mija u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€ 65,921.27) mghoddija lilhom mir-rikorrenti.

(ii) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jirritornaw lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta' hamsa u sittin elf disa' mija u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€ 65,921.27)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Gunju, 2008 u tat-12 ta' Settembru, 2008 kif ukoll bl-imghaxijiet legali mit-8 t' Awwissu, 2006 sal-pagament effettiv, kontra l-intimati li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta ntimata naqset milli tidher u naqset li tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha fit-terminu li trid il-ligi;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti Paul Camilleri;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 t' April, 2010;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza;

Peress li t-talbiet ta' l-atturi jirrizultaw gustifikati;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha attrici;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvneuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------